MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2000

Numru 1007/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Bondin)**

**vs**

**Tanu Sam Mallett ta' 25 sena, bin Nigel u Natalina nee' Buttigieg, imwieled Watford, l-Ingilterra nhar it-30 ta' Awwissu 1984, residenti 21, Triq Santa Marija, Zebbug u detentur tal-karta ta'l-identita' numru 347905(L)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Tanu Sam Malett li permezz taghha huwa gie akkuzat:

a. Talli nhar is-26 ta' Lulju 2008 ghal habta tas-6:45am gewwa Triq is-Sebh, Qormi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragini jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku,

waqt li kien qed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni AAL174, ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Doris Bugeja skond kif iccertifika Dr. Alan Drago MD; u aktar talli,

b. Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi saq vettura ta'l-ghamla Toyota Starlet numru ta' registrazzjoni AAL174 b'nuqqas ta' kont, bi traskuragini jew b'mod perikoluz.

Rat id-dokumenti.

Semghet il-provi,

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali tad-29 ta' Settembru 2009 sabiex il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti kollha processwali.

Ikkunsidrat,

Illi kuntrarjament ghal dak li solitu jigri f'incidenti tat-traffiku, dak li wassal ghas-sinistru stradali mertu ta' dina l-kawza kien proprju il-fatt illi l-imputat fi triq arterjali u principali, kien qed isuq il-vettura tieghu bi speed baxx tant ghalhekk illi kien qieghed iservi ta' ostakolu ghal vetturi li kienu gejjien minn warajh u li kienu qed jinsaqu bi speed elevat iktar minn tieghu. L-imputat kien qieghed isuq fi Triq is-Sebh, Qormi jew kif inhi ahjar maghrufa bhala l-by-pass tal-Imriehel. Dana kien ghal habta tas-sitta ta' fil-ghodu u l-imputat kien fi triqtu lejn id-dar f'Haz zebbug wara lejl li qatta' gewwa Paceville. L-imputat ma kienx xurban u fl-atti hemm provi cari li jindikaw dan. Huwa kien qieghed isuq fl-outer lane u f'hin minnhom osserva vettura gejja minn warajh b'velocita elevata.

Minhabba li ghalhekk l-imputat kien qieghed isuq bi speed baxx, dina l-vettura tatu indikazzjoni billi paqpet il-horn, biex iwarrab u l-imputat li f'dak il-mument kellu l-attenzjoni kollha tieghu fuq dina l-vettura mill-mirja tal-

karozza tieghu, qabad u kiser lejn il-genb tat-triq u cioe' lejn l-inner lane sabiex jippermetti dina l-vettura tghaddi. Kien proprju f'dana il-mument illi l-parti leza nizzlet minn fuq il-bankina fejn hija kienet miexja mal-habiba taghha u b'hekk l-imputat li ma innotax lil dawn it-tnejn minn nies mexjin fil-genb tat-triq laqat lil parti leza bin-naha ta' quddiem fuq ix-xellug tal-vettura tieghu. Mad-daqqa Doris Bugeja spiccat fuq il-bonnet tal-vettura u habtet rasha mal-windscreen tant illi dina inkissret u anke spiccaw xi bicciet minn xagharha imwahhla ma'l-istess. Imbaghad hija spiccat mitfugha fuq il-bankina u baqghet niezla f'gandott mikxuf li kien hemm mal-genb ta'l-istess bankina. F'dana l-incident Doris Bugeja sofriet griehi ta' natura gravi, ghamlet xi jiem f'coma, izda imbaghad il-kundizzjoni taghha marret ghall-ahjar, eventwalment giet licenzjata mill-isptar ghalkemm ghadha sal-lum tircevi il-kura.

Illi il-fehma ta' dina l-Qorti kien hemm diversi fatturi li ikkontribwew ghal dana is-sinistru stradali u ghalhekk r-responsabbilta ghal dana l-incident jaqghu fuq diversi nies u mhux biss fuq l-imputat.

1. Illi fl-ewwel lok l-parti leza kienet miexja fi triq arterjali principali u cioe' triq li komunement hija msejjha by-pass b'darha lejn it-traffiku. Dana wassal ghalhekk sabiex hija ma setghetx ikollu vizwali tat traffiku li kien hemm fit-triq f'dana l-mument. Illi li kieku Bugeja kienet ser timxi il-hin kollu fuq il-bankina dana ma kienx jimporta wisq, izda minhabba l-konfigurazzjoni tat-triq u b'mod specjali tal-bankina f'xi partijiet mill-istess triq kienet ser tigi kostretta tinzel minn fuq il-bankina. Ghalhekk hija messha qaghdet iktar attenta u mhux tabqad u tinzel minghajr ma thares lura u tara illi ma kienx gej traffiku fid-direzzjoni taghha. Fil-fatt kemm mix-xhieda taghha kif ukoll tal-habiba taghha Josette Cauchi li kienet qed timxi hdejha fil-mument ta'l-incident, jidher illi ftit tal-hin qabel, ghadda ziemel b'velocita kbira minn hdejn Bugeja li ukoll f'dana il-mument kienet taht il-bankina, li hasadha. Fil-fatt hija irrimarkat dan mal-habiba taghha u hasset illi kien ikun ahjar li titla' fuq il-bankina biex tevita xi incident. Jidher

madanakollu illi peress illi l-bankina ma kenitx tippermetti lil dawn iz-zewgt ihbieb jibghu mexjin spalla ma' spalla, kif solitu jaghmlu fuq l-istess bankina, Bugeja li kienet qieghda fuq in-naha ta' barra regghet giet kostretta tinzel taht il-bankina. Dan sehh minhabba fil-fatt illi kien hemm kanna b'sinjal tat-traffiku u arblu tad-dawl fuq l-istess bankina li ghamluha impossibbli ghalihom lli jibqghu it-tnejn fuq il-bankina. Flimkien ma' dawn il-fatturi il-gandott li kien hemm fil-genb mal-hajt ukoll ghamilha impossibbli ghalihom li jimxu komodament fuq dina l-bankina.[1]

Illi l-ligi timponi regoli mhux biss fuq sewwieqa sabiex is-sewqan taghhom ikun wiehed prudenti, izda ukoll fuq utenti ohra tat-triq bhal *pedestrian* li ghandu josserva ir-regoli tal-hekk imsejjah Highway Code li ighid testwalment: "*Pedestrians (as well as motorists) have responsibilities for the proper use of the road. They may be liable for the consequences to themselves or to others through their failure to observe the Highway Code*." Fir-regolament numru 15 imbaghad jinghad: "*On a pavement or footway, do not walk on the edge with your back to the traffic. Do not step into the road without first ascertaining that you can do so safely*."

2. Dana iwassal necessarjament ghat-tieni fattur li wassal ghal dana l-incident. Illi ghalkemm f'dina it-triq hemm bankina sabiex tintuza minn *pedestrians* liema triq tidher li hija popolari ferm man-nies li ikunu iridu jaghmlu ftit ezercizzju ta' jogging, dina il-bankina ma tippermettiex lill-istess pedestrian jimxi b'mod komdu. Dana qed jinghad fl-ewwel lok ghaliex fiz-zmien ta' dana l-incident il-bankina kienet dejqa, kien hemm diversi arbli kemm tad-dawl kif ukoll tas-sinjali tat-traffiku f'diversi bnadi ta'l-istess u *di piu*, l-iktar haga gravi kien il-fatt illi mal-genb ta' dina il-bankina u cioe' mal-hajt hemm gandott fond li wiehed irid joqghod attent ma jimxiex qrib wisq tieghu ghax jispicca jaqa' ghal isfel, kif fil-fatt waqghet Bugeja. Illum jidher illi dana l-periklu gie parzjalment rimedjat mill-awtoritajiet

[1] Ara rapport tal-Perit Richard Aquilina u l-pjanta maghmula minnu Dokument RA fil-process verbal Dokument JM u r-ritratti mehuda mis-scene of crime officer Dokument KG

ikkoncernati u dana peress illi l-gandott in kwistjoni gie mghotti. Madanakollu saret crash barrier tul il-bankina kollha li irrendiet l-istess bankina iktar dejqa bil-konsegwenza illi min ikun qieghed jaghmel l-ezercizzju tal-jogging hafna drabi jispicca jinzel taht il-bankina u jigri matul dik il-parti tat-trqi li hija delinjeata bil-linja bajda kontinwa. Hemm bzonn illi isiru indikazzjonijiet cari f'dina t-triq illi dina il-parti tat-triq ma ghandhiex tintuza mill-pedestrians u dana peress illi f'dina it-triq it-traffiku ikun ghaddej b'certu velocita u allura min ikun qieghed jimxi jew jigri b'dahru lejn it-traffiku u taht il-bankina, ghalkemm fil-parti tat-triq delinjeata bil-linja bajda kontinwa ikun qed jaghmel dana b'periklu ghalih u bi ksur ta' dak li jimponi il-Highway Code.

3. Dana kollu madanakollu ma jistax inehhi ghal kollox ir-responsabbilta' kontributorju ta'l-imputat ghal dana l-incident. L-imputat kien qed isuq fi triq wiesgha, twila li taghtik vizwali ghat-tul. Kien diga sebah, kienet gurnata tas-sajf, it-triq kienet xotta u ghalhekk is-sewwieq seta' jara dak kollu li kellu quddiemu minghajr ebda ostakolu. Illi ghalhekk ma kien hemm xejn x'izomm lill-imputat milli jinnota lil dawn iz-zewg nisa mexjin iktar 'il quddiem minnu u dana sa minn distanza ferm qabel ma wasal hdejhom. Illi dina l-Qorti ghalhekk ma tistax tifhem kif l-imputat ighid illi laqat lil Bugeja minghajr ma kien biss innotaha. Dana x'akatarx sehh ghaliex l-imputat kien aljenat ihares lura mill-mirja tal-vettura tieghu lejn vettura li kienet gejja minn warajh b'velocita accelerata li okkupatlu l-attenzjoni kollha tieghu. Ghalhekk meta huwa resaq lejn il-genb tat-triq, ma innotax illi kien hemm dawn il-pedestrians bil-konsegwenza illi huwa spicca baqa' diehel fuq Bugeja li f'dak il-mument kienet miexja taht il-bankina. Fil-fatt fix-xhieda tieghu l-imputat ighid illi huwa hass id-daqqa fuq il-vettura tieghu fil-mument illi l-vettura li kienet gejja minn warajh qabbzitu u li f'dak il-mument huwa kien qed ihares mill-mera in-naha tieghu. Mistoqsi mill-Ufficjal Prosekutur jekk huwa kienx ra lil Bugeja u l-habiba taghha mexjin qabel l-impatt, huwa iwiegeb fin-negattiv u isostni illi fl-ebda hin ma rahom. Meta rega mistoqsi minn dina l-Qorti jekk huwa osservax lil dawn iz-zewg nisa qabel l-impatt huwa jerga' iwiegeb fin-negattiv. Dana ghaliex huwa kien

ghadu qieghed ihares fil-mirja lejn dak li kien qed jigri warajh u injora kompletament dak li kien jinstab quddiemu. Ghalhekk jidher illi fil-mument illi l-imputat kien qed jikser lejn in-naha ta' gewwa l-attenzjoni tieghu kienet ghadha kollha fuq il-vettura li kienet gejja minn warajh tant ghalhekk illi huwa lanqas biss induna li bil-vettura kien qabez il-linja bajda kontinwa li hemm mal-genb biex b'hekk laqat lil Bugeja li kienet qieghda taht il-bankina. Fil-fatt anke meta mistoqsi mid-difensur tieghu jekk huwa rifisx il-linja bajda jammetti illi jista' ikun li xi ftit huwa oltrepassa dina il-linja. Dana huwa issostanzjat mill-provi indizzjarji fosthom id-daqqa fuq il-vettura tieghu li tinsab fuq in-naha tax-xellug, id-demm li kien hemm fl-art u il-fatt illi Bugeja minn fuq il-vettura tremblet ghal fuq il-bankina u imbaghad fil-gandott. Dana ifisser ghalhekk illi l-vettura kienet tinsab vicin il-bankina meta sehh l-impatt.

Illi kif gie gustament ritenut f'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) f'sentenza moghtija fil-21 ta' Mejju 1960 fl-ismijiet il-Pulizija vs Anthony Spiteri: "Driver ta' karozza ghandu inegabbilment, fost ohrajn, zewg doveri: wiehed, dak li jzomm a *proper lookout* ghall-vejikoli, *pedestrians*, u *road-users* ohra; l-iehor, dak illi waqt is-sewqan hu jkun f'posizzjoni tali li jkollu f'kull hin kontroll sewwa tal-vejikolu." Il-Qorti osservat "ma ghandux jintesa illi l-accidenti stradali huma ta' spiss kwistjoni ta' disattenzjoni ta' *split second* u l-kontingenzi tat-traffiku jistghu jkunu subitanei u inaspettati. Dan hu certament sewqan negligenti; u ma jistax biex jeskludieh il-fatt illi it-triq kienet wiesgha u illi traffiku iehor ma kienx hemm fit-triq, u cirkostanzi ohra tal-mument. … ghal sewqan negligenti ma hemmx bzonn tal-vjolazzjoni ta' normi guridici specifici, imma bizzejjed li jkun hemm negligenza, fis-sens ta' nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita is-sinistri stradali."

Illi matul il-kors tat-trattazzjoni ta' dina l-kawza gew sollevati diversi argumenti dwar jekk l-imputat setax isuq il-vettura tieghu f'dik il-parti tat-triq fejn kienet miexja Bugeja peress illi dina il-parti hija maqtugha mill-karreggjata tan-naha ta' gewwa tat-trafiku permezz ta'

linja bajda kontinwa. Id-difiza tikkontendi illi fit-triq ma hemm xejn x'jindika illi dina hija xi lane li tintuza ghal bicycles jew ghal pedestrians u kwindi ma kien hemm xejn x'izomm lill-imputat milli jirfes dina il-karreggjata. Illi dina l-Qorti tistqarr illi ma tistax taqbel ma' dina il-linja difensjonali. Illi huwa minnu kif ighid l-abbli difensur ta'l-imputat illi ma hemm l-ebda indikazzjoni fit-triq ghal xhix ghandha isservi dina il-karreggjata, madanakollu certament ma hemmx dubbju illi tali karreggjata ma hijiex qieghda hemm sabiex jinsaqu il-vetturi fiha. Fit-triq jidher car illi hemm zewg karreggjati wesghin wahda in-naha ta' barra u l-ohra in-naha ta' gewwa li jippermettu il-vetturi isuqu f'zewg lanes. Il-karreggjata ta' gewwa li hija demarkata b'linja bajda kontinwa ghalhekk ma hijiex karreggjata fejn tista' tinsaq xi vettura ohra. Il-linja bajda proprju tindika illi it-traffiku ma jistax jirfes 'l hemm gew billi ma hux permess ghalhekk illi il-vetturi li ikunu qed jinsaqu fil-lane ta' gewwa jaqbzu ghal go dina il-karreggjata. Illi ma hemmx dubbju illi din il-parti tat-triq ma hijiex karreggjabbli u kwindi l-imputat ma setax jirfes 'il gewwa mil-linja bajda kontinwa li hemm f'din it-triq. Fil-fatt ir-regolamenti 162 u 163 tal-Highway Code li jitkellmu fuq dawn il-linji jiddisponu:

"Meta karreggata tkun immarkata b'linji bojod, imxi skond dawn il-linji."
"Qatt ma ghandek issuq, 'l hemm minn, jew b'rota 'l hawn u 'l hemm minn dik il-linja."

Ir-regolament 167 imbaghad ighid: "Zomm sewwa fil-moghdijiet tat-traffiku. Issuqx fuq il-linji bojod jew bil-linji bejn ir-roti."

Illi maghdud dana kollu ghalhekk dina l-Qorti ma tistax tezimi lill-imputat ghal kollox mir-responsabbilta' ghal dana is-sinistru stradali. Illi kif gie deciz mil-qrati taghna:

***"Huwa veru li anki l-pedestrian ghandu d-doveri tieghu fit-traffiku stradali imma biex id-driver ta' karozza li jinvesti pedestrian u jikkagunalu offizi fuq il-persuna tieghu jista' jiskolpa ruhu, jehtieg li jirrizulta li l-kawza unika u determinanti tal-***

***investiment kienet tikkonsisti fil-komportament imprudenti tal-pedestrian li gie milqut u ma tistax tigi nvokata mid-driver l-iskriminanti tal-emergenza subitanea meta tirrikori l-kolpa tal-awtista li tkun impedietu milli jevita l-konsegwenzi tal-emergenza. Il-konducenti ta' vetturi ma ghandhomx jipprezumu normalita' perfetta ta' komportament tal-pedestrian imma ghandhom dejjem jivvalutaw tajjeb il-kontingenzi stradali w jirregolaw il-velocita' taghhom b' margini sufficienti ta' sikurezza.***" (App.Krim. **"Il-Pulizija vs. George Muscat"** [6.5.1961] Kollez. Vol. XLV p.iv. 947)

F' sentenzi ohra mbaghad gew elaborati sitwazzjonijiet fejn din l-emergenza subitanea tavverra ruha ; eg. "***meta jaqsam f' daqqa u jissorprendi lill-konducent, jew jaghmel xi moviment insolitu u inaspettat***" (App. Krim. **"Il-Pulizija vs. J. Thornton"** Kollezz. Vol. XLV p.iv. p.920) jew meta pedestrian jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi vettura ohra, jew li johrog minn xi kurva fit-triq, jew li jitfaccja ghall-gharrieda u inaspettatament quddiem il-karozza. (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Cassar Desain**" Kollez. Vol.XLVI . p.iv. p.765)."

Illi fis-sentenza Il-Pulizija vs Robert Brincat deciza mil-Qorti ta'l-Appell Kriminali, l-Qorti ghaddiet ukoll biex elenkat liema huma dawk is-sitwazzjonijiet fejn sewwieq jezimi ruhu minn kull responsabbilta ghall-investiment ta' pedestrian. Il-Qorti stqarret:

"Il-Corte di Cassazione Taljana, meta inkassat sentenza tal-Corte d' Appello di Bologna stabbiliet li f'kazijiet ta' investiment ta' pedestrian jista' tirrizulta it-tort esklussiv tal-pedestrian meta jikkonkorru is-segwenti kondizzjonijiet

**a) "*che il-conducente, per motivi estranei a ogni suo obbligo di diligenza, sia venuto a trovarsi nella oggettiva impossibilita' di avvistare il pedone e di osservarne tempestivamente i movimenti;***

***b) che i movimenti del pedone siano cosi' rapidi e inattesi da farlo convergere all' improvviso sulla traiettoria del veicolo;***
***c) che nessuna infrazione delle norme di circolazione o di comune prudenza sia riscontrabile nel comportamento del conducente."”***

Il-Qorti kompliet tghid:

“Illi gie ritenut mill-Qrati Taghna li ***“Hu dover ta’ “driver to see what is in plain view”.*** (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Joseph Vella"** - [10.8.1963] )
u li ***“min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm “a proper lookout”*** (Appell Kriminali : **“Il-Pulizija vs. J.M. Laferla"** [17.6.1961] ). "***Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well."*** ("**Newhaus vs. Bastion Insurance Co. Ltd."** [1968].

Illi kif inhu ben stabbilit, f’ sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoche’ dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghal xi tort da parti tal-pedestrian. (Ara Appelli Kriminali: **“Il-Pulizija vs.Gaetano Schembri”** [16.3.1961]; **“Il-Pulizija vs. John Polidano**“[3.11.1963]**“Il-Pulizija vs.Rev.C.Mifsud”** (Kollez. Vol. XXXVIII; iv. p.1131) u ohrajn.). Fi kliem iehor, il-***“contributory negligence*”** ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru. (App.Krim.” **Il-Pulizija vs P.Vassallo”,** [Kollez.Vol.XXXVII,iv.p.883]). In-negligenza kontributorja da parti tal-vittma tista’ isservi ghal haga wahda biss u cioe’ ghall-attenuazzjoni tal-piena li tigi inflitta u xejn izjed.

Illi maghdud dana kollu ghalhekk, l-Qorti hija tal-fehma illi ghalkemm is-sewqan ta’l-imputat certament ma jistax jitqies bhala xi sewqan perikoluz, madanakollu l-Qorti

tqies illi l-imputata kienet negligenti fis-sewqan tieghu u saq b'nuqqas ta' kont meta ma zammx dik il-*proper lookout* rikjesta mil-ligi. Illi ghalhekk ghalkemm l-parti leza ma esploratx sew it-triq qabel ma intentat tirfes taht il-bankina, u ghalkemm il-konfigirazzjoni tat-triq u tal-bankina ikkontribwew ukoll ghal dana is-sinistru stradali, madanakollu l-imputat ghandu jahti ukoll kif inghad iktar 'il fuq.

Illi ma hemmx dubbju illi il-vittma Doris Bugeja sofriet griehi ta' natura gravi f'dana l-incident u dana kif jirrizulta kemm mic-certifikati medici esebieti fl-atti, kif ukoll mix-xhieda ta' Dr. Josianne Aquilina, Dr. Alan Drago u Mr. Frederick Zammit Maempel.[2] Fuq kollox dana gie stabbilit mill-espert mediko legali nominat fl-inkjesta magisterjali, Dr. Mario Scerri, ir-rapport ta' liema espert jinsab esebiet fl-atti bhala Dokument MS.

Illi ghalhekk meta tigi biex tikkonsidra il-piena li ghandha tigi inflitta, l-Qorti trid bil-fors tqies il-kwadru kollu li fih sehh dana l-incident. Illi qabel xejn il-Qorti tosserva illi n-nuqqas minn naha ta'l-Awtoritajiet ikkoncernati milli jaraw illi dina it-triq ma ikollha l-ebda periklu fiha ghall-utenti kollha taghha kien fattur determinanti li wassal sabiex isehh dana l-incident. Il-pre-okkupazzjoni ta' dina l-Qorti huwa il-fatt illi ghalkemm wara li sehh dana l-incident jidher illi ittiehdu xi mizuri biex dina is-sitwazzjoni ta' periklu tigi rimedjata, madanakollu ghad hemm x'irid isir u dana billi isiru indikazzjonijiet cari ghal pedestrans li juzaw dina it-triq ghal jogging u mixi kif ukoll illi titwessa il-bankina sabiex tippermetti lin-nies jimxu komodament. Jidher illi dana issa ma jistax isehh bl-istallazzjoni ta' crash barrier ezattament f'nofs il-bankina. Illi kien minhabba f'dawn il-fatturi ghalhekk illi l-vittma Bugeja qabbdet u nizlet taht il-bankina minghajr ma hadet kont tat-traffiku gej minn warajha. Inoltre, kif diga inghad, mill-atti processwali ghalkemm is-sewqan ta'l-imputat jista jigi ikkunsidrat bhala traskurat, u bla kont, izda ma jidhirx illi l-imputat kienet qed issuq b'mod perikoluz ghalhekk il-Qorti

[2] Ara xhieda tat-tobba a fols. 25, 28 u 52 u ic-certifikat Dokument FZL

mhijiex ser tghaddi sabiex tiskwalifika il-licenzja tas-sewqan ta'l-istess imputata.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 225, 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ihallas multa ta' elfejn ewro (€2000).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------